**Rikors ippreżentat fl-4 ta' Settembru 2012 — L-Italja vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-387/12)**

(2012/C 319/28)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Ir-Repubblika Taljana (rappreżentant: S. Fiorentino, avvocato dello Stato)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet tar-rikorrenti**

— tannulla, fil-parti li hija s-suġġett ta' dan ir-rikors, id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea Nru 2012/336/UE [notifikata bid-dokument numru C(2012) 3838], tat-22 ta' Ġunju 2012, dwar l-esklużjoni mill-finanzjament tal-Unjoni Ewropea ta' ċertu nefqa mġarrba mill-Istati Membri taħt it-Taqsima ta' Garanzija tal-Fond Agrikolu Ewropew dwar Gwida u Garanzija (FAEGG), taħt il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u taħt il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR);

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjez.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Dan ir-rikors jillimita s-suġġett tiegħu għall-korrezzjonijiet finanzjarji b'rata fissa fir-rigward tar-Repubblika Taljana u dwar l-iskema ta' għajnuna lill-produtturi ta' tadam intiż għall-ipproċessar, għas-snin 2006, 2007 u 2008.

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka motiv wieħed, ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 7(4) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1258/1999, tas-17 ta' Mejju 1999, dwar il-finanzjament tal-politika komuni agrikola (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 25, p. 414), u tal-Artikolu 31 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005, tal-21 ta' Ġunju 2005, dwar il-finanzjament tal-Politika Agrikola Komuni (ĠU L 286M, p. 1).

Fil-kuntest ta' dan il-motiv, tiġi kkontestata l-applikazzjoni tal-korrezzjonijiet finanzjarji mwettqa bid-deċiżjoni kkontestata, ikkalkolati għal 2 % tal-infiq imġarrab, u ssostni li dawn ġew applikati minkejja l-prova, irrikonoxxuta mill-Kummissjoni, tal-assenza ta' dannu finanzjarju notevoli.

Barra minn hekk, ir-rikorrenti tikkontesta l-kwantifikazzjoni tal-korrezzjonijiet stess sa fejn id-determinazzjoni konkreta tagħhom hija sproporzjonata u manifestament illoġika, peress li huma notevolment superjuri għad-dannu potenzjali derivanti mill-aġir imputat lill-awtorità Taljana.

---

**Rikors ippreżentat fis-6 ta' Settembru 2012 — Diputación Foral de Bizkaia vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-397/12)**

(2012/C 319/29)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Diputación Foral de Bizkaia (Spanja) (rappreżentant: I. Sáenz-Cortabarría Fernández, avukat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

— tiddikjara n-nullità tal-Artikolu 2 tad-deċiżjoni kkontestata, sa fejn din tiddikjara illegali l-għajnuna prevista fil-ftehim innotifikat fil-15 ta' April 2009 jew, sussudjarjament, sa fejn jiddikjara illegali l-għajnuna previżta fil-ftehim fuq l-artijiet innotifikat;

— tiddikjara n-nullità tal-Artikoli 5 u 6 tad-deċiżjoni kkontestata, sa fejn il-Kummissjoni bbażat l-evalwazzjoni tagħha tal-kompatibbiltà mat-Trattat, previst fl-Artikolu 108(2) TFUE, fuq il-premessa li hija għajnuna illegali;

— fi kwalunkwe każ, tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Id-deċiżjoni kkontestata [1] tikklassifika bħala għajnuna illegali, rispettivament kompatibbli u inkompatibbli mas-suq intern, żewġ ftehim, "fuq art" u "fuq akkomodazzjoni", li ġew konklużi fil-15 ta' Diċembru 2006 bejn, minn naħa, il-kumpannija Bizkailur SA (kumpannija pubblika, proprjetà 100 % tad-Diputación) u, min-naħa l-oħra, il-kumpanniji Habidite Technologies Pais Vasco SA, il-Grupo Empresarial Afer SL u l-Grupo Habidite, dwar l-istabbiliment ta' fabbrika ta' Habidite f'Alonsotegui.

Insostenn tar-rikors tagħha, il-konvenuta tinvoka erba' motivi.

(1) L-ewwel motiv, ibbażat fuq żball ta' liġi, sa fejn id-deċiżjoni kkontestata tikklassifika bħala illegali l-għajnuna prevista fil-ftehim tal-2006 u sa fejn interpretat li f'din id-data kien hemm ftehim ġurudikament vinkolanti u mingħajr kundizzjonijiet għall-għoti tal-għajnuna lil Habidite. Il-Kummissjoni tinjora l-konsegwenzi ġuridiċi li jirriżultaw minn interpretazzjoni tal-kuntratti skont ir-regoli tad-dritt intern li jirregolawhom (b'mod partikolari l-Artikolu 1258 tal-Código Civil).